# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 – IL-ĦAMIS 3 TA' SETTEMBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa Il-Ħamis 3 ta' Settembru 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Maria Magri | Kunsilliera |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Kearon Bruno | Viċi Sindku |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Is-Segretarju semma li l-Viċi Sindku jinsab indispost minħabba impenji oħra fuq il-laqgħa tal-lum. Is-Segretarju semma wkoll li l-Kunsillier Caruana kien infurmah li se jittardja xi ftit għall laqgħa tal-lum.

1.2 Is-Segretarju semma li jrid jagħmel korrezzjoni dwar l-attendenza fil-laqgħa preċedenti fejn jaf biha.

## 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Kunsilliera Maria Magri.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ressaq email fuq l-inizjattiva Premju Soċjeta Ġusta biex naraw bħala Kunsill nistgħux napplikaw għaliha.

**Il-Kunsillier Caruana daħal għall laqgħa tal-Kunsill fis-17.40 pm.**

3.2 Is-Sindku ressaq applikazzjoni għall Premju Anzjanita Attiva biex naraw jekk hemmx xi persuni li nistgħu ninnominaw għall dan il-premju. Il-Kunsillier Caruana semma lill-Sister Mary li kienet mal-komunita tas-Sorijiet ta' San Franġisk, Ħal Luqa imma din illum m'

għadiex Ħal Luqa. Is-Sindku semma li filkaż nagħtu ċans ħmistax u nerġgħu nitkellmu fuqha biex nilħqu naħsbu minn jistħoqqlu.

3.3 Is-Sindku semma li wara laqgħa li kellu mal-Periti tal-Infrastructure Malta huwa kien wasalu t-traffic Management li kienu qed jipproponu biex isir għall Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Huwa qal li se jaħtar lill-Kunsillier Camilleri u Caruana biex jaraw il-pjanta u jagħtu l-feedback minn naħa tagħhom. Huwa semma li fost l-oħrajn se jkun hemm bus shelter wieħed wara d-Dinitrol biex jaqdi l-eżigenzi ta' żewġ rotot u b' kollox ġol-area kollha se jkun hemm tnejn.

3.4 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Caruana jekk huwa kienx irtira mill-qasam tal-ambjent. Huwa qal li qed jagħmel din il-mistoqsija peress li l-Kunsillier Aquilina kien tella post fuq il-paġna tiegħu lil dawk li kellhom bżonn il-kontenituri biex jpoġġu l-ħġieġ fihom.

3.5 Is-Segretarju semma li l-ewwel l-informazzjoni trid toħroġ mill-Kunsill u wara kwalunkwe Kunsillier jista jagħmel share ta' dik l-informazzjoni għax inkella nistgħu ma naqblux ma dak li jkun qed jintqal. Huwa qal li dan ma jistax jidħol fuq dekasteru ta' Kunsillier ieħor.

3.6 Is-Sindku semma li huwa kien kiteb lill-Ministru fuq dan il-metodu, fejn dan kien irrispondieh li kien hemm targets li riedu jintlaħqu fejn jidħol rimi ta' skart riċiklabbli. Huwa qallu li l-ewwel irid jara mal-Kunsill x' qed isir billi kien hemm diversi persuni li ċemplu lis-Sindku biex jaraw x' qed jiġri meta ma kien hemm xejn finalizzat.

3.7 Is-Sindku qal li s-Segretarju biex nerġgħu ninfurmaw lin-nies li għalkemm issa se nkunu qed nappellaw biex il-pubbliku jkun konformi mal-istruzzjonijiet tal-Wasteserv xorta se nkunu qed nżommu kuntatt biex dan il-metodu jipperfezzjona. Huwa qal li din għandha tinkiteb fuq Facebook u anki tirreferi biex minn irid jista juża l-BIS li hawn Ħal Luqa u Ħal Farruġ biex jarmi hemm.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn nibgħatu l-ħaddiema biex inaddfu fejn hemm l-istage u l-bus shelter ta' quddiem St. Vincent de Paule.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' jista jsir fuq il-parkings fejn hemm il-Beko, peress li qed idaħħlu l-karozzi mal-bankini. Is-Sindku qallu biex jiftiehmu u jmorru jaraw eżattament x' inhi l-problema.

4.3 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk kienx hemm xi aħbar fuq l-applikazzjoni LC Care. Is-Sindku semma li kien hemm xi queries li rrispondejnihom u qed nistennew l-andament tal-applikazzjoni tagħna.

4.4 Il-Kunsillier Aquilina saqsa x' kien ġara mill-bins li kien hemm fil-Pjazza peress li dawn tneħħew. Is-Sindku semma li huwa kien qed ikollu diversi rapporti fuqhom ta' ħmieġ u kien għalhekk li kellu jneħħihom biex jinqata dan l-abbuż.

4.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif kienu għadhom ma sarux ir-road markings fi Triq id-9 t' April. Is-Segretarju semma li huwa bagħat diversi emails fuq dan is-suġġett lis-Sur. Lawrence Darmanin. Is-Sindku semma li mid-dehra bħalissa kien qed ikollhom problema biex jagħmlu l-linji peress li anki huma stess kien talbu lill-Kunsill biex jekk jista jkun jagħmilhom hu.

4.6 Il-Kunsillier Aquilina saqsa għaliex hemm żewġ Unloading Bays fi Triq il-Karmnu u Triq ir-Rixtellu li jinsabu daqshekk viċin. Is-Sindku qal li dawn staqsejna fuqhom biex filkaż naraw liem l-aħjar jitneħħa.

4.7 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk konniex irċevejna xi komunikazzjoni dwar l-injection tal-influwenza. Is-Sindku semma li s' issa ma smajna xejn għadna.

4.8 Il-Kunsilliera Magri qalet li kienet attendiet għall laqgħa tar-Reġjun u kienu ħabbru li se jkun hemm xi skema fuq is-CCTV għall dawk iż-żoni fejn isiru l-abbużu. Hija qalet ukoll li bħala Reġjun kien se jinħareġ tender għas servizz tal-Perit u servizzi oħra komuni fost il-Kunsilli. Rigward Festa Nar hija qalet li din kienet tħassret minħabba l-COVID.

## 5. XOGĦOLIJIET TAR-RESTAWR

5.1 Is-Sindku semma li kienu inġiebu l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li kien hemm iċ-Ċimiterju ta' San Tumas mill-Għassa tar-Raħal Ġdid. Huwa semma li dawn l-istatwi jinsabu miksura u jridu jiġu ir-restawrati. Huwa semma li kienu inġiebu żewġ kwotazzjoni; min kumpanija li tammonta madwar Euro 9,000 u mingħand individwu li tammonta għall Euro 5,000. Huwa qal li rridu nmorru għall aktar waħda vantaġġjuża. Il-Kunsilliera preżenti qablu b' mod unanimu għall din l-għażla.

5.2 Is-Sindku semma li kien hemm żewġ stimi għax xogħol tar-restawr tal-Istatwa tal-Kunċiżżjoni, stima ta' madwar Euro 19,000 u stima ta' madwar Euro 11,900. Huwa semma li dan kien proġett finanzjat minn fondi Ewropej u l-kuntrattur li tefa l-istima huwa l-istess wieħed li bħalissa kien qed jaħdem fuq ir-restawr tan-niċeċ fejn bħala Kunsill diġà qed naraw kif dan jaħdem, ta' kwalità tajba ħafna. Huwa semma li għandna nagħżlu dan il-kuntrattur. Il-Kunsilliera preżenti qablu b' vot unanimu.

## 6. XOGĦOLIJIET TAL-LATRINA

6.1 Is-Sindku semma li hawnhekk kien hemm bżonn li jinbidel is-saqaf. Huwa qal li s' issa kellu kwotazzjoni waħda u jeħtieġ li jkun hemm kwotazzjonijiet oħra peress li din li kellna kienet għolja ħafna.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti.

## 10. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ħamis 3 ta' Settembru 2020 fis-6.36 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**
**Sindku**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**
**Segretarju Eżekuttiv**